An Australian Government Initiative

MALTESE

# 13 IL-PROBLEMI TAL-PROSTATA U TAL-BUŻŻIEQA TAL-AWRINA

Il-prostata hija glandola li għandhom biss l-irġiel Hija kważi daqs ġewża u tinsab taħt l-għonq tal-bużżieqa tal-awrina, madwar l-iżbokk tal-bużżieqa tal-awrina (l-uretra). Il-prostata tagħmel fluwidu qiesu ħalib, li huwa parti mis-semen u titma' l-isperma.

Hekk kif l-irġiel jikbru fl-età, il-glandola tal-prostata tkompli tikber. Dan jiġri fuq firxa ta' ħafna snin, u għal xi irġiel dan jista' jikkawża problemi tal-bużżieqa tal-awrina.

Kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jista' jkun riżultat ta' problemi oħrajn tas-saħħa. Irġiel li għandhom kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina jistgħu jirrabjaw jew jistħu minħabba din il-problema. Jekk għandek bidliet fil-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina tiegħek, jew tħassib dwar glandola tal-prostata tiegħek, kellem lit-tabib tiegħek jew lill-konsulent tal-kontinenza.




## X'INHUMA WĦUD MILL-PROBLEMI KOMUNI TAL-PROSTATA?

1. **Prostatite hi nefħa** u ugigħ tal- glandola tal-prostata u tista' tiġri minħabba infezzjoni fil-bużżieqa tal-awrina. Hija aktar komuni fil-ġuvintur.

2. **Iperplasija Beninja Prostatika (BPH) iseħħ meta** l-prostata tikber bil-mod il-mod, normalment tibda fl-età tan-nofs. Madwar wieħed minn kull erba' rġiel se jkollhom bżonn operazzjoni għal din il-problema (BPH ma twassalx għall-kanċer).

3. **Il-Kanċer tal-Prostata spiss jinstab** qabel ma jkollok xi sinjali ta' twissija. It-tabib tiegħek jista' jsibha bit-test tad-demm (imsejjaħ PSA) u eżami tal-prostata tiegħek. Huwa l-kanċer l-aktar komuni fl-irġiel, u inti għandek probabilità akbar li tlaqtu aktar ma tikber fl-età. Madankollu huwa wieħed mill-kanċerijiet li hu l-aktar faċli tikkurah.

## KIF INKUN NAF JEKK GĦANDIX PROBLEMA TAL-PROSTATA?

Jekk għandek waħda jew aktar minn dawn il-problemi, int għandek mnejn tbati minn problema tal-prostata:

- issibha bi tqila tibda l-fluss tal-awrina;
- fluss tal-awrina jibda bil-mod hekk kif tibda tagħmel;
- bżonn li tgħaddi l-awrina aktar ta' spiss matul il-jum jew bil-lejl;
- tqattir ta' ammonti żgħar ta' awrina wara li tgħaddi l-awrina i jew bejn żjarat fit-tojlit
- bżonn li jkollok terġa' tgħaddi l-awrina ftit wara li tkun mort it-tojlit ;
- tħoss ħtieġa urġenti biex tgħaddi l-awrina;
- tħoss ħruq jew uġigħ meta tgħaddi l-awrina;
- demm fl-awrina; u
- sensazzjoni li l-bużżieqa tal-awrina mhix kompletament vojta wara li tmur it-tojlit.

Xi wħud minn dawn il-problemi jistgħu ma jkunux dovuti għall-prostata. Pereżempju, xi mediċini jistgħu jagħmlu l-bużżieqa tal-awrina taħżen iktar-awrina. It-tabib jew il-konsulent tiegħek tal-kontinenza jistgħu jgħinuk issib l-kawża tal-problema tiegħek.

## KIF TISTA' L-PROSTATA TIEGĦI TIKKAWŻA PROBLEMI TAL-BUŻŻIEQA TAL-AWRINA?

**Imblokkar tal-urethra** (it-tubu tal-awrina): Hekk kif il-prostata tikber aktar, tista' timblokka l-iżbokk tal-bużżieqa tal-awrina u żżomm il-bużżieqa tal-awrina milli titbattal F'xi każijiet, l-awrina tista' tinħażen sakemm tibda tqattar. Jekk jiġri dan, ara tabib minnufih.

**Bużżieqa tal-awrina attiva żżejjed** tista' tkun ikkawżata mill-bużżieqa tal-awrina li tkun taħdem ħafna aktar biex tiskapula l-imblokk. Bużżieqa tal-awrina attiva żżejjed tista' tissikka mingħajr ma tkun trid int, li jirriżulta fi bżonn urġenti li tgħaddi l-awrina . Wara operazzjoni biex ittaffi l-imblukkar inti xorta jista' jkollok bżonn urġenti li tgħaddi l-awrina , u dan jista' jiggrava għal ftit ġimgħat, sakemm il-bużżieqa tal-awrina tmur lura għan-normal.

**L-operazzjoni** għal problemi tal-prostata tista' tagħmel ħsara lill-muskoli u nervi tal-iżbokk tal-bużżieqa tal-awrina fi ftit każijiet. Dan jista' jwassal għall-kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina. Jekk dan iseħħ, dan kważi dejjem jiġri għal żmien qasir, għalkemm operazzjoni maġġuri għall-kanċer tal-prostata tista' twassal għal problemi fit-tul tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina.

## KIF JISTA' JIĠI KKURAT L-KONTROLL DGĦAJJEF TAL-BUŻŻIEQA TAL-AWRINA?

L-ewwel, it-tabib tiegħek jew il-konsulent tal-kontinenza tiegħek ikun irid jeżamina x'inhuma l-kawżi tal-kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tiegħek tal-awrina, bħal mard tal-prostata, infezzjoni, dijabete jew xi mediċini.

Hemm ftit modi kif il-kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina minħabba l-marda tal-prostata jista' jiġi kkurat:

1. **Eżami mediku mit-tabib tiegħek**

   Wara li titkellem mat-tabib tiegħek, inti tista' tħoss li m'għandek bżonn ta' ebda kura. Il-kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina jista' jmur għall-aħjar maż-żmien, jew permezz ta' bidliet sempliċi fid-drawwiet tiegħek ta' kuljum (Ara l-fuljett "Drawwiet Tajbin tal-Bużżieqa tal-Awrina għal Kulħadd").

2. **Mediċini**

   Hemm numru ta' mediċini li jistgħu jgħinu bil-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dawn.

3. **Operazzjoni tal-Prostata**

   Jekk il-prostata tiegħek hi l-problema, allura operazzjoni tista' tneħħi l-glandola kollha jew parti minnha. It-tip tal-operazzjoni se tiddependi fuq id-daqs tal-glandola tal-prostata.

4. **Eżerċizzju tal-Bużżieqa tal-Awrina**

   Programm ta' eżerċizzju tal-bużżieqa tal-awrina jista' jgħin il-bużżieqa tal-awrina żżomm aktar awrina mingħajr tqattir ta' ammonti żgħar ta' awrina jew li tħoss bżonn urġenti, anki għal dawk li għandhom bużżieqa tal-awrina attiva żżejjed (Ara l-fuljett "Eżerċizzju tal-Bużżieqa Tal-Awrina").

5. **Eżerċizzji tal-Muskolu tal-Qiegħ tal-Pelvi**

   L-eżerċizzju tal-muskoli tal-qiegħ tal-pelvi jsaħħaħ il-muskoli li jikkontrollaw kemm il-bużżieqa tal-awrina u l-imsaren jaħdmu tajjeb. Tgħallem kif teżerċita l-muskoli tiegħek qabel l-operazzjoni u ibda malajr kemm tista' wara l-operazzjoni (Ara l-fuljett "Eżerċizzju tal-Muskolu tal-Qiegħ tal-Pelvi għall-Irġiel").

6. **Prodotti tal-Kontinenza**

   Hemm firxa wiesgħa ta' prodotti tal-kontinenza li jgħinuk tkampa meta tesperjenza tqattir ta' ammonti żgħar tal-awrina (Ara l-fuljett "Prodotti tal-Kontinenza").

   Kun żgur li taf biżżejjed dwar x'inhi l-problema, x' kuri hemm, kif ukoll kemm jaħdmu tajjeb, u x'jista' jmur ħażin, sabiex inti tista' tagħżel il-kura li l-aktar tgħodd għalik, bl-għajnuna tat-tabib tiegħek.

## ITLOB L-GĦAJNUNA

Kull problema dwar il-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jew tal-imsaren - hi kemm hi żgħira - trid tigi kkurata.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-prostata jew il-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina, int tista':

Iċċempel lil Konsulenti Esperti li Jagħtu Parir fuq il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna bit-Telefown dwar il-Kontinenzal bla ħlas:

- tagħrif;
- parir; u
- fuljetti.

Fuq 1800 33 00 66 TELEFONATA BLA ĦLAS* (mit-8.00 am sat-8.00 pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa), jew

Żur din is-sit tal-web: www.bladderbowel.gov.au

Il-LInja tat-Telefown tal-Għajnuna tista' torganizza interpretu permezz tas-Servizz tal-Interpreti bit-Telefown (TIS) Jekk jogħġbok ċempel 13 14 50 mit-Tnejn sal-Ġimgħa u staqsi għall-Linja tat-Telefown tal-Għajnuna.

**Il-problemi tal-prostata jistgħu jikkawżaw il-kontroll dgħajjef tal-bużżieqa tal-awrina?**

* Telefonati minn telefonijiet tal-mowbajl jiġu ċċarġjati r-rati applikabbli.